



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12261/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0224 (NLE)

MAMA 153
MED 42
RHJ 4

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE- ĠORDAN li tapprova l-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE- Ġordan
----------	--

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru .../2021
TAL KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN**

ta' ...

li tapprova l-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ġordan, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") ġie ffirmat fl-24 ta' Novembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002.
- (2) Skont l-Artikolu 91 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa jieħu d-deċiżjonijiet xierqa, għall-finijiet li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 101 tal-Ftehim jipprovdi li l-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u jaraw li jinkisbu l-oġettivi stipulati fil-Ftehim.
- (4) Permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2016 tiegħu², il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni qabel dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan għall-perijodu 2016-2018 biex jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom bil-għan li jappoġġaw u jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-Ġordan filwaqt li jfittxu li jittrattaw ukoll l-impatt tal-kunflitt fit-tul fis-Sirja.

¹ ĠU UE L 129; 15.5.2002, p. 3.

² Id-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar qbil fuq il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan (ĠU UE L 355; 24.12.2016, p. 31).

- (5) Bid-Deċiżjoni Nru 1/2018 tiegħu¹, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ddeċieda li jestendi l-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (6) Fi skambju ta' ittri, iż-żewġ naħat qablu li jenħtieġ li tiġi estiża l-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan bħala dokument ta' gwida biex tiġi kkonsolidata s-sħubija sakemm ikunu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda.
- (7) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistipula l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub fil-perjodu bejn il-laqgħat jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tat-12 ta' Diċembru 2018 li tapprova l-estensjoni b'sentejn tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan (ĠU UE L 8, 10.1.2019, p. 34).

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li jaġixxi permezz ta' proċedura bil-miktub, jiddeċiedi li l-validità tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Ġordan annessi mad-Deċiżjoni Nru 1/2016 tiegħu, għandha tiġi estiża sakemm ikunu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

UE-Ġordan

Il-President
